



3.9.2013

AVVIŻ LILL-MEMBRI

(0121/2013)

Suġġett: Proposta għal regolament dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Riformulazzjoni) (COM(2013)184 – C7-0132/2013 – 2013/0096(NLE))


Skont il-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali¹, grupp ta' ħidma konsultattiv magħmul mis-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu jeżamina kull proposta preżentata mill-Kummissjoni għal riformulazzjoni.

Mehmuża, il-Membri jistgħu jsibu l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv dwar il-proposta msemmija fis-suġġett.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu jagħti l-fehma tiegħu dwar din l-opinjoni waqt il-laqgħa tiegħu 16 ta' Diċembru 2013

Anness

¹ ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.



GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell,

OPINJONI

GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW TAL-KUNSILL TAL-KUMMISSJONI

Proposta għal regolament dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Riformulazzjoni) COM(2013) 184 finali tal-11.4.2013 - 2013/0096 (NLE)

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' f'fissil mill-ġdid tal-atti legali, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, kellu laqgħa fit-23 ta' April 2013 iddedikata, fost affarijiet oħra, għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq, impressqa mill-Kummissjoni.

Waqt il-laqgħa¹ saret evalwazzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jirriformula jfassal mill-ġdid ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, li wassal għad-deċiżjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li jstabbilixxi, bi qbil komuni, li f'il-Premessa 9 tal-abbozz tat-test riformulat, li jikkorrispondi għall-Premessa 11 tar-Regolament (KE) Nru 975/98, il-kelma "*tillimita*" għandha tinbidel f"*illimitat*". Barra minn hekk, fir-rigward tal-istess premessa, il-Grupp ta' Ħidma għaraf ukoll li d-Direttiva 76/769/KEE msemmija hawn fuq dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ġiet revokata mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE.

¹ Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-verżjoni Ingliża, Franċiża u Ġermaniża tal-proposta u ħadem abbażi tal-verżjoni Ingliża, billi kienet il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test diskuss.

Dan l-eżami tal-proposta b'hekk wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħliet dawk identifikati b'ħala tali. Il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda wkoll li, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dak it-tibdil sostantiv, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-test legali eżistenti, mingħajr tibdil fis-sustanza tiegħu.

C. PENNERA
Jurisconsult

H. LEGAL
Jurisconsult

L. ROMERO REQUENA
Direttur Ġenerali